31995D0067

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tas-6 ta' Marzu 1995
dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Jemen

(95/67/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 130 Y flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) u l-Artikolu 228(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi, skond l-Artikolu 130 tat-Trattat, il-politika tal-Komunità fil-kamp ta' l-iżvilupp tal-Kooperazzjoni għandha tinkoraġġixxi l-iżvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, l-integrazzjoni tagħhom bla diffikultajiet u gradwali fl-ekonomija dinjija u l-kampanja kontra l-faqar f'dawk il-pajjiżi;

Billi, bħala riżultat ta' l-unifikazzjoni tar-Repubblika Għarbija tal-Jemen u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Jemen biex tinħoloq ir-Repubblika tal-Jemen, huwa meħtieġ li jkun modifikat il-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Jemen [3];

Billi, tmexxew negozjati għal dan l-iskop mar-Repubblika tal-Jemen u rriżultaw fi Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li l-Komunità huwa fl-interess tagħha li tapprova,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jemenda l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Għarbija tal-Jemen huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jinnomina l-persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jirreferi għalih l-Artikolu 1 sabiex jorbtu lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Marzu 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ

---

(1) ĠU C 310. tas-16.11.1993. p. 19.
(2) ĠU C 128. tad-9.5.1994. p. 525.
(3) ĠU L 26. tal-31.1.1985. p. 2.